MALTA

ATT Nru. IV ta' l-1980

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1948 dwar il-Pensjonijiet għax-Xjuħ.

ACT No. IV of 1980

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT further to amend the Old Age Pensions Act, 1948.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

ANTON BUTTIGIEG
President

1 ta' Frar, 1980

ATT Nru. IV ta' l-1980

ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1948 dwar il-Pensjonijiet għax-Xjuħ.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1980 li jemenda l-Att dwar il-Pensjonijiet għax-Xjuħ, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1948 dwar il-Pensjonijiet għax-Xjuħ, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Dan l-Att għandu jkollu effett mis-17 ta' Novembru, 1979.

Emenda ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-Att prinċipali.

2. Minflok il-paragrafi (1) u (2) ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Meta l-mezzi totali fis-sena ta' raġel u martu (mhux mifrudin skond id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili, u ż-żewġ persuni jkollhom jedd għal pensjoni taħt dan l-Att) kalkolati skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att —

	Rata ta' pensjoni fil-ġimgħa kull persuna b'seħħ		
	mis-17 ta' Novembru 1979	mill-5 ta' Jannar 1980	mit-2 ta' Frar 1980
	£	£	£
ma jkunux iżjed minn £100 ...	7.95,0	8.75,0	9.15,0
ikunu iżjed minn £100 iżda mhux iżjed minn £200	6.63,0	7.31,0	7.64,0
ikunu iżjed minn £200 iżda mhux iżjed minn £300	5.31,0	5.86,0	6.12,0
ikunu iżjed minn £300 iżda mhux iżjed minn £400	4.00,0	4.41,0	4.61,0
ikunu iżjed minn £400	Ebda Pensjoni.		

(2) Meta l-mezzi fis-sena ta' xi ħaddieħor li jitlob jew ta' xi pensjonant ieħor kalkolati skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att —

	Rata ta' pensjoni fil-ġimgħa kull persuna b'seħħ		
	mis-17 ta' Novembru 1979	mill-5 ta' Jannar 1980	mit-2 ta' Frar 1980
	£	£	£
ma jkunux iżjed minn £50 ...	10.11,0	11.13,0	11.64,0
ikunu iżjed minn £50 iżda mhux iżjed minn £100	8.58,0	9.45,0	9.88,0
ikunu iżjed minn £100 iżda mhux iżjed minn £150	7.06,0	7.76,0	8.12.0
ikunu iżjed minn £150 iżda mhux iżjed minn £200	5.42,0	5.97,0	6.24,0
ikunu iżjed minn £200	Ebda Pensjoni".		

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 350 tad-29 ta' Jannar, 1980.

C. AGIUS
Speaker

C. MIFSUD
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati